MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2007

Numru 709/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Versus**

**Amged A.Abdulhamid**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Amgeb A Abdulhamid ta' 31 sena bin Abdulhamid u Luftia nee Dubri mwieled Tripoli fid-9 ta' Settembru, 1975 mingħajr indirizz f'Malta detentur ta' passaport libjan numru C 000534

2. Akkużat talli fil-21 t'Awissu 2007 mal-wasla tiegħu tat-titjira LN146( recteLN144) minn Tripoli xjentement naqas li jiddikjara lill-Uffiċjali tad-Dwana billi għadda mill-Green Channel bl-oġġetti ndikati hawn taħt:

(i) 4000 tablets Anabol (5 mg)
(ii) 100 tablets Androlic (50 mg)

li l-importanzzjoni taħghom hija ristretta. Dawn għandhom valur totali ta’ Lm554 u dazju xejn.

Dan bi ksur ta’ l-artikoli 60(h), 62(i) ta’ l-Ordinanza dwar id-Dwana Kap 37 u bi ksur ta’ l-Avviż Legali Numru 44/82 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Billi l-oġġetti msemmija ġew maqbuda mill-uffiċjali tad-dwana fil-preżenza ta’ l-istess Amgeb A Abdulhamid, Nota ta’ Qbid mid-Dipartiment tad-Dwana mhix tinħareġ (artikolu 72(1) ta’ l-Ordinanza.)

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluża l-Letter to Prosecute maħruġa mill-Kontrollur tad-Dwana, l-esibiti, l-istqarrija ta’ l-imputat u d-dokumenti kollha esibiti u l-kopja tas-sentenza ppreżentata mid-Difiża fl-ismijiet ‘Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) v Tarek Abd Suliman fl-4 ta’ Settembru, 2007 (Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali.

5. Rat ukoll l-artikoli tal-Liġijiet jew ir-regolamenti ta’l-Avviżi Legali msemmija mill-Prosekuzzjoni u li għamlet referenza għalihom id-Difiża.

6. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

7. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

8. L-ewwelnett din il-Qorti għandha kompetenza oriġinali li tisma’ u tiddeċiedi dan il-każ u dan minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 66 tal-Kap 37. Barraq dan il-piena ikkontemplata fir-regolament 22 ta’ l-Avviż Legali S.L.37.05 hija ta’ sitt xhur priġunerija u dan jaqbel aml-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali ai termini ta’ l-artikolu 370 tal-Kap 9.

9. Li hemm qbil bejn il-partijiet li fil-21 t'Awissu 2007, l-imputat għadda mill-Green Channel ta' l-ajruport bis-sustanzi msemmijin fiċ-ċitazzjoni.

10. Il-punt prinċipali li fuq m'hemmx qbil huwa li dawn is-sustanzi huma **ristretti**.

11. Il-Prosekuzzjoni rreferiet għall-Avviż Legali 44/82 u li llum huwa inkorporat bħala parti mis-subsidiary legislation 486/57 regolament 22.

12. Bażikament dan jipprovdi li l-passiġġieri li jaslu fl-ajruport ta' Ħal-Luqa jista' jagħżel bejn il-green channel u r-red channel. Il-green channel huwa intiż biex jgħaddu minnu pasiġġieri li fuqhom m'hemmx imposta dwana fuqhom u din l-espressjoni tinkludi wkoll affarijiet li mhumiex suġġetti għall-projbizzjoni ta' importazzjoni jew restrizzjonijiet. Jekk passiġġier jgħaddi mill-Green Channel meta mhux suppost dan jista' jeħel multa ta' tmien mitt lira jew tliet darbiet t-taxxa li tkun dovuta skond liema l-ogħla jew inkella priġunerija ta' mhux aktar minn 6 xhur u l-konfiska ta' l-affarijiet.

13. Fiċ-ċitazzjoni hemm expressis verbis li s-sustanzi importati mhumiex suġġetti għad-dazju.

14. Il-Qorti semgħet lill-Ispiżjar s-Sur Tony Cassar – rappreżentant tal-Medical Authority - jispjega minn xhiex huma magħmula s-sustanzi importati u xehed li ħadd ma jista' jdaħħalhom f'Malta jekk ma jkollux liċenzja. Huwa mbagħad rrefera wkoll għad-definizzjoni ta' 'medicinal product' taħt il-Kap 458 – L-Att Dwar il-Mediċini- liema definizzjoni tinqasam hekk:

(a) dawk li għandhom propretajiet biex jittrattaw jew jevitaw il-mard fil-bnedmin;
(b) dawk li jistgħu jintużaw mill-bnedmin jew ikunu amminstrati mill-bnedmin 'to restoring, correcting or modifying physiological functions by exerting a pharmacological, immunological or metabolic action, or to making a medical diagnosis.'

15. Huwa xehed li s-sustanzi importati kienu jaqgħu taħt din id-definizzjoni. Isegwi li dawn ħtieġu liċenzja biex wieħed idaħħalhom f'Malta.

16. Huwa spjega li hija prattika ta' l-Awtorita' li jekk persuna tkun ġejja Malta b'xi mediċini u titlob informazzjoni lill-Awtorita' huma jgħarrfuha li jkollha bżonn r-riċetta tat-tabib waqt li l-Awtorita' tieħu ħsieb tgħarraf lill-Uffiċjali tad-Dwana dwar dan.

17. L-aħħar referenza legali saret għall-Avviż Legali 387 ta' l-2004. L-artikolu 4(1) jgħid:

'Ebda prodott mediċinali, …….ma jista' jkun importat , imqiegħed fis-suq jew mibjugħ b'xi mod f'Malta jekk, fir-rigward ta' dak il-prodott, ma jkunx hemm awtorizzazzjoni għall-bejgħ valida maħruġa mill-Awtorita' għall-ħruġ ta' Liċenzji skond ir-Regolament tal-Kunsill Numru EEC – 2309/93 tat-22 ta' Lulju 1993, u dik l-importazzjoni, twegħid fis-suq jew bejgħ ma jkunux skond il-pattijiet u l-kundizzjonijeit ta' dik l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

18. Il-Qorti għarblet ukoll l-istqarrija li għamel l-imputat li qal kien ġie Malta biex joqgħod xahar u li s-sustanzi li kien ġab kien jeħodhom biex jittenja u jinfetaħ għax dawn jagħtuh aktar enerġija. Huwa kien xtara s-sustanzi mil-Libja fi Triq Rashid fi Tripli u b'kollox kien ħallas madwar 65 dinar. Huwa ma kellux irċevuta għax fil-Libya ma jaġġtux irċevuti. Huwa kein jieħu għaxar Anabol tablets kull jum u waħda kull jum mill-Androlic tablets għal żmien tliet xhur u imbagħad jieqaf. Huwa kien jeħodhom darba fis-sena biss. Is-sustanza miġjuba kienet intiża għalih biss. Fil-Libya dawn il-pilloli huma legali u ssibhom kull imkien. Huwa qal li ma kienx jaf li ma kienx jaf li ried il-Liċenzja biex iddaħħalhom f'Malta.

**Id-Difiża**

19. Id-difiża ppreżentat is-sentenza li għaliha saret referenza aktar 'il fuq.

## Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni

20. Il-Prosekuzzjoni insistiet li biex iddaħħal is-sustanzi tinħtieg liċenzja u għalhekk l-importazzjoni tagħhom hija ristretta. Minħabba l-ammont sostanzjali li kellu l-imputat dan kellu obbligu ikbar li jiddikjarahom huwa u dieħel.

## Sottomissjonijiet tad-Difiża

21. Id-difiża ssottomettiet

(a) li f'ebda liġi m'hemm restrizzjoni tas-sustanzi mdaħħlin f'Malta mill-imputat;

(b) li l-proviso (ċ) ta' l-artikolu 62 (tal-Kap 37) jipprovdi li ebda piena mposta bl-artikolu msemmi m'għandha tapplika fil-każ ta' offiża konnessa ma' l-importazzjoni ta' oġġetti kontra xi projbizzjoni jew restrizzjoni fejn penali hija preskritta espressament għal dik l-offiża bl-att jew strument li ħoloq dik il-projbizzjoni jew restrizzjoni.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

23. L-ewwelmett x'jifhem wieħed bil-kelma 'ristretta'? Fis-sens ordinarju tagħha l-kelma tfisser li wieħed jista' jdaħħal oġġett iżda b'ċerti kundizzjonijiet. Hemm differenza li wieħed idaħħal kummentarju dwar il-Kostituzzjoni Franċiża fejn mhux loġiku li wieħed ikun mistenni jġib liċenzja biex jagħmel dan. Għalhekk hemm liberta' assoluta.

24. Min-naħa l-oħra l-kelma 'ristretta' għandha tapplika kemm għal sitwazzjonijiet fejn wieħed ma jistax idaħħal oġġett minħabba li l-importazzjoni tiegħu hija pprojbita għal kollox kif ukoll meta wieħed jinħtieġ liċenzja sabiex jimporta xi ħaġa fil-pajjiż. Għalhekk jekk biex wieħed idaħħal dawn il-pilloli jinħtieġ liċenzja, allura l-kelma 'restricted' fl-Avviż Legali 44/82 għandha tapplika għal tali importazzjoni.

25. Jekk wieħed iqis l-Anabol Tablets u l-Androlic tablets bħala mediċinali allura għandu japplika r-regolament 4(1) ta' l-Avviż Legali 387 tas-sena 2004 li jgħid li 'ebda prodott mediċinali ma jista' jkun impurtat jekk fir-rigward ta' dak il-prodott **ma jkunx hemm awtorizzazzjoni għall-bejgħ valida, maħruġa mill-Awtorita.''**

26. L-istess regolamenti jagħtu definizzjoni ta' 'mediċini' xi ftit differenti minn dik tal-Kap 458 għaliex jipprovdu hekk:

'mediċini' u 'prodotti mediċinali' tifsser mediċinali li jintużaw mill-bniedem'.

27. Din id-definizzjoni hija wiesgħa biżżejjed biex tolqot is-sustanzi msemmija fiċ-ċitazzjoni..

28. Ir-regolament 4(1) pero' jintrabat mal-frażi '**jekk ma jkunx hemm awtorizzazzjoni għall-bejgħ valida, maħruġa mill-Awtorita''.**

**29. Quid juris** jekk wieħed ikun ser idaħħal din il-mediċina **għalih? Ma jidhirx li hemm xi restrizzjoni espresso f'dan ir-regolament.**

30. Il-Prosekuzzjoni għamlet enfasi fuq in-numru kbir ta' pilloli. Il-Qorti għamlet kalkolu wkoll kemm seta' jikkonsma l-imputat fit-tliet xhur li kien bi ħsiebu joqgħod hawn Malta. Skond ma qal hu stess il-konsum kien jammonta għal 920 Anabol tablets u 92 Androlic.

31. Minn dan il-kalkolu wieħed jikkonkludi li kellu numru sostanzjali żejjed ta' Anabols waqt li kellu madwar 8 Androlic tablets żejda.

32. Jekk wieħed jemmen dak li qal l-imputat dwar id-drawwiet tiegħu ta' konsum, dawn kienu ser ikunu żejda għaliex huwa jikkonsma biss l-ammont għal tliet xhur fis-sena u jieqaf. Allura kien ser jispiċċa b'salt sustanza f'idejh.

33. B'danakollu ma saret ebda prova li kkonvinċiet lill-Qorti li l-imputat kien ser ibiegħ u l-projbizzjoni taħt l-

artikolu 4(1) **qegħda meta l-importazzjoni tkun għall-bejgħ.** Il-Qorti f'dan il-każ għandha dubju raġonevoli jekk il-każ ġiex ippruvat soddisfaċentement propju minħabba dan il-punt.. Il-bejgħ għandu tifsira speċjali fil-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-istess liġijiet speċjali – il-Kap 31 u 101 – isemmu żewġ termini differenti: il-bjegħ jew l-ispaċċjar u jagħtu definizzjoni ta' spaċċjar. Dan ir-regolament huwa jillimita ruħu għall-kelma 'bejgħ' biss u għalhekk il-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-bjegħ jew it-tentattiv ta' bejgħ.

34. Barra dan fir-regolament msemmi m'hemm ebda analoġija ma' dak li jipprovdu l-Kapi 31 u 101 tal-Qorti fejn il-Qorti tista', wara li tikkonsidra ċ-ċirkostanzi, tqis li l-ammont ma kienx għall-imputat biss. Fin-nuqqas ta' provvediment bħal dan, il-Qorti mhix qed issib li l-imputat b'xi mod kiser ir-restrizzjoni tar-regolament imsemmi. U lanqas ser tapplika b'analoġija provvediment ta' Liġijiet speċjali għal-Liġi speċjali oħra.

35. Sinifikanti huwa wkoll li d-definizzjoni li jagħtu l-istess regolamenti għall-kelma 'impurtat' hija:

'mediċina miġjuba Malta bl-iskop ***li titqiegħed fis-suq.'***

Din id-definizzjoni mhix identika ma' dik tal-Kap 37 dwar 'imported goods.'

36. Il-Qorti kkonsidrat ukoll dak li jipprovdi l-Kap 458 u għamlet mistoqsijiet speċifiċi lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni dwar fejn dan jipprovdi dwar il-projbizzjoni ta' l-importazzjoni ta' dawn il-pilloli. Il-Qorti trid tgħaqqad id-definizzjoni ta' mediċini fl-Att, il-ħtieġa ta' liċenzji, kif ukoll ir-regolament 4(1) tar-regolamenti msemmija biex tasal għal xi forma ta' konklużjoni. L-istess Att m'għandu ebda definizzjoni tal-kelma 'importazzjoni'. Għalhekk l-Att 458 fih innifsu ftit jitfa' dawl fuq il-mertu ta' dan il-każ.

37. Min-naħa l-oħra l-Att 458 huwa mimli referenzi dwar il-ħtieġa ta' liċenzja u l-artikolu 99 jolqot b'sanzjonijiet penali 39 mill-110 Artikolu ta' l-Att kollu. Skond l-artikolu 99 jekk wieħed ma jimxix mal-provvedimenti ta' l-Att jew mar-

regolamenti magħmulin taħtu huwa ħati ta' reat. Imbagħad l-Att jispeċifika x'pieni hemm skond liema artikolu ta' l-Att ikun inkiser. **Fl-Att innifsu ebda piena ma tissemma speċifikatament għall-ksur tar-regolamenti u fir-regolamenti taħt l-istess Att, jiġifieri fl-Avviż Legali 387 tas-sena 2004, ma tissemma ebda sanzjoni**.

38. Isegwi li, jekk għall-grazzja ta' l-argument ikun konstatat ksur ta' l-artikolu 4(1) tar-regolamenti taħt l-Avviż Legali 387 tas-sena 2004 wieħed ma għandux gwida ċara ta' x'inhi l-piena. Hawn japplika l-prinċipju ***'nulla poena sine lege*** ' li jidher kemm fil-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

39. Dwar l-impostazzjoni ta' l-imputazzjoni, m'hemm ebda dubju li d-diċitura hija dik li wieħed jassoċja mal-Kap 37. Waqt li l-Qorti mhix teskludi li l-Prosekuzzjoni setgħet issemmi l-provvedimenti kemm taħt il-Kap 37 kif ukoll taħt l-Avviż Legali 44/82, il-fatti kif esposti jidhru li aktar jaqgħu taħt ir-regolamenti ta' l-Avviż Legali 387 tas-sena 2004 iżda dawn baqagħu ma ssemmewx. Għalhekk jidher li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti ma' l-imputazzjoni kif dedotta. Isegwi li din hija raġuni oħra għala din il-Qorti qed tillibera lill-imputat.

40. Fl-aħħarnett, waqt li l-Qorti tifhem li mhux possibbli għall-Awtorita' dwar il-Mediċini li tolqot kull mediċina li tidħol fis-suq ħlief bid-definizzjoni mogħtija li jidhru taħt l-Att u r-regolamenti, ***de lege condenda***, xorta hemm possibilita' li l-affarijiet ikunu aktar ċari biex kull persuna tifhem x'jorbotha jew ma jorbothiex. Bħalma ntqal mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ 'Case of Radio France and Others versus France'[1] :

***'20. The Court reiterates that Article 7(1) of he Convention requires offences to be 'clearly defined in law'. That condition is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision***

[1] Applikazzjoni numru 53984/00 30 ta' Marzu 2004 – It-Tieni Sezzjoni

***and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him liable.***

***Omissis***

***Article 7 of the Convention does not outlaw the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case 'provided that the resultant development is consistent with the essence of the offence and could reasonably be foreseen.' (See Streletz, Kessler and Krenz versus Germany).'***[2]

41. Fil-fehma tal-Qorti il-prattika ta' l-Awtorita' ma tistax tiqies bħala Liġi waqt li fil-każistika Maltija kien hemm każ wieħed biss dwar importazzjoni ta' din it-tip ta' sustanza. Fil-każ l-imputazzjoni kienet ammessa u allura din is-sentenza ma tistax titqies bħala gwida.

42. Għaldaqstant, għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafi t'hawn fuq il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni dedotta kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Ara wkoll K.A. et A.D. versus Belgium setnenza tas-17 ta' Frar 2005 Applikazzjonijiet numru 42758/98 et u 45558/99.